MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2010

Numru. 566/2008

**Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Peter Paul Azzopardi, bin Joseph u Carmen née' Zammit, imwieled fit-28 ta’ Gunju 1989, residenti fil-fond Altona, Triq ta’ Said, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 26189(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra ’l hawn fuq imsemmi Peter Paul Said li gie akkuzat talli f’Ghawdex fit-28 ta’ Lulju 2008 ghall-habta ta’ 13:45hrs;

1. Bhala persuna li f'ismu ghandu rregistrata l-arma Benelli numru M 631270 garr l-istess arma minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, Kap. 480 5 (1);

2. Aktar talli fi zmien maghluq ghall-kacca garr fil-vettura tieghu IBM 047 l-istess arma hawn imsemmija meta ma kellux licenzja li jikkaccja ghall-fenek selvagg, A.L. 37/2007;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;
Ikkunsidrat:

Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi fil-jum indikat fl-akkuza l-istagun tal-kacca kemm tal-ghasafar kif ukoll tal-fniek kien maghluq. Illi l-imputat huwa licenzjat igorr arma tan-nar biss ghall-kacca tal-ghasafar u kwindi dina l-licenzja ma tkoprix il-garr ta' arma f'perijodu ta' zmien iehor. Ghalhekk l-ewwel (1) akkuza tirrizulta ppruvata. Illi dwar it-tieni (2) akkuza ma hemm l-ebda prova fl-atti li tindika illi l-imputat instab bl-arma tan-nar fil-vettura tieghu ghall-iskop li jikkaccja l-fniek.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni (2) akkuza, issibu hati tal-ewwel (1) akkuza, u wara li rat l-Artikoli 5 (1) u 51 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanah ihallas multa ta' seba' mitt ewro (€700) u tordna l-konfiska tad-dokument JA esebiti fl-atti tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------